**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 522 / 2019**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Laurence Tabone**

Illum 4 ta' Settembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Laurence Tabone detentur tal-karta tal-identita' Maltija 40558 G, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Illi l-esponenti ġie mixli fil-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-12 ta' Lulju 2019 u fil-jiem sussegwenti fl-akwata magħrufa bħala 'Tat-Tawru' l-Qala, Għawdex, u/jew fil-viċinanzi:

1. Ikkommetta vjolazzjoni oħra kontra l-proprjeta' ta' Raymond Tabone (ID 9963G); u

2. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Raymond Tabone ID 9963G fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi billi waħħal gate jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Marzu, 2023, fejn il-Qorti:

Għaldaqstant, iddikjarat li l-ewwel imputazzjoni hija preskritta bil-konsegwenza li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 85 tal-Kodiċi Kriminali sabet lill-imputat Laurence Tabone ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih filwaqt li tqis li f'dan il-każ, il-piena ta' priġunerija mhix dik indikata, eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha u kkundannatu għal-ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). In oltre, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti ordnat lil ħati sabiex fi żmien sebat (7) ijiem jagħmel dawk ix-xogħolijiet neċessarji sabiex jerġa' jħalli din l-art kif kienet qabel ma saru dawn ix-xogħolijiet mertu ta' dan ir-rapport taħt penali ta' għaxar ewro (€10) kuljum għal kull ġurnata ta' ritard.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Laurence Tabone, preżentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha tal-kawza fl-ewwel istanza u bir-rizerva li jressaq provi ohra li tippermetti l-ligi, jitlob bir-rispet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha wara li tismà s-sottomissjonijiet tad-difiza, tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Tà Gudikatura Kriminali tal-14 tà Marzu 2023 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn iddikjarat l-ewwel akkuza bhala preskritta, thassarha fir-rigward tat-tieni akkuza u tillibera lill-imputat mill-istess imputazzjoni u htija.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant Laurence Tabone li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

**AGGRAVJU I – NUQQAS TA' PROVA TAL-ELEMENTI TAR-REAT**

Illi l-esponenti jissottometti umilment li ma setax jinstab ħati tar-reat ta' ragion fattasì u dan peress illi l-elementi meħtiega sabiex tissussisti r-reità ma jikkonfigurawx irwieħhom mill-fattspeċje tal-każ b'mod partikolari l-element li jirrigwarda n-nuqqas ta' tgawdija tal-ħaġa, u fin-nuqqas ta' prova tal-elementi kollha r-reat ma jistax jingħad li ġie pruvat sal-grad li titlob il-liġi. Sabiex dan l-element jissussisti, l-att estern għandu jkun dirett biex jostakola lil dik il-persuna mit-tgawdija attwali tal-ħaġa kemm jekk hi mobbli kif ukoll immobbli. Dan il-prinċipju ġie mħaddan fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Eileen Said**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Appell numru 37/2002), fid-19 ta' Ġunju 2002, fejn ġie ribadit li: "*Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni tà pussess li dak li jkun gja ikollu.*"

L-Artikolu 85 jipproteġi l-pussess tal-ħaġa u mhux neċessarjament il-proprjetà *per se*. In fatti fis-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Joseph Bianco** deċiża fil-5 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tenniet li: "*Il-prosekuzzjoni esibiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu tà din l-għalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini tà dan ir-reat m'hemmx lok li jigi ippruvat it-titolu; huwa necessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess gie mfixkel b'azzjoni tà terzi sabiex b'hekk il-possessur ma setgħax igawdi l-pussess liberu tal-oġġett.*"

Illi fil-fatt il-*parte civile* fl-ebda waqt jew mument ma ġie miżmum mill-aċċess mill-entrata biex jidħol fi ħwejġu tant li kien jidħol, baqa' jidħol u għadu jidħol hemm sal-lum. Il-*gate* la ssakkar u lanqas ma sar li jista' jissakkar. Wara kollox

imkien ma ddikjara l-*parte civile* li ġie maqful barra jew li ma setax jidħol għax il-*gate* sabu msakkar kuntrarjament għal dak li kien għamel hu fil-kawża ta' spoll numru 92/2015 fuq imsemmija. Kif spjega l-appellant il-*gate* sar bħala miżura ta' prekawzjoni temporanja sakemm isiru x-xogħolijiet taħt l-art quddiem il-bieb tal-fond tiegħu u l-art terġa' tingħalaq mill-ġdid, l-entrata ma tibqax miftuħa beraħ għal kulħadd. Ċertament li bi twaħħil ta' *gate* li ma jissakkarx ma jistax jingħad li l-attur appellat tilef xi pussess li kellu qabel u issa ma baqagħlux. Ma jistax jingħad li lil din il-Qorti rriżultalha li l-*parte civile* bil-*gate* li sar fil-passaġġ ġie miżmum milli juża l-passaġġ kif kien jagħmel qabel jew li tnaqqaslu jew tneħħielu l-aċċess liberu mill-*gate* 'il ġewwa għal ġol-entrata.

Rigward l-iskavar li sar, dan sar f'dik il-fergħa tal-entrata perpendikulari għat-triq mit-tarf tal-kantuniera tal-bini tal-appellant 'il ġewwa sal-ħajt li jidher fir-ritratt Dok. 'GS2' li għalih għamlet referenza din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2019. Din il-parti tal-entrata markata bl-ittra 'x' fuq Dok. 'H' li għalih saret referenza hawn fuq tintuża biss biex minn hemm l-appellant jaċċedi biex jidħol fil-bini tiegħu minn bieb li huwa miftuħ fuq din il-parti tal-entrata. Il-*parte civile* la jagħmel, la kien jagħmel u lanqas kien hemm skop li jagħmel użu minn dik il-parti tal-entrata biex, skont hu, jaċċedi fi ħwejġu billi l-mogħdija li jikkontendi li għandu minn hemm ma twasslu għal imkien ħlief sa quddiem il-bieb prinċipali tal-bini tal-appellant u l-ħajt fit-tarf tal-bini tal-appellant li qed jagħlaq kull aċċess minn hemm 'il ġewwa. Wara dan il-ħajt hemm munzell ta' radam li fadal mit-tiġrif ta' bini qadim li waqa snin ilu u li qed jimblokka għal kollox kull possibbilta' ta' aċċess minn dik il-fergħa tal-entrata 'l ġewwa. Ir-ritratti 'A' u 'B' li qed jiġu esebiti ma' dan ir-rikors tal-appell biex din il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tifhem b'mod viżiv li l-aċċess minn dik il-parti tal-entrata mhuwiex possibbli għaliex ilu imblukkat ferm qabel ma sar ix-xogħol li ta lok għal dawn il-proċeduri apparti l-kawża ta' spoll. Din il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tagħmel apprezzament aħjar tal-provi li juru l-istat ta' fatt kif kienet l-entrata qabel ma sar l-iskavar quddiem dan il-ħajt u warajh il-munzell tal-ġebel m'għola sular. Il-*parte civile* jilmenta li bl-iskavar huwa ġie

mfixkel milli jgħaddi għad-dritt meta huwa evidenti li l-aċċess minn hemm kien ilu mblokkat snin qabel ma sar ir-rapport biex il-Pulizija tieħu passi.

Il-munzell tar-radam li jidher fir-ritratt 'B' ikompli jagħmel impossibbli u anke' perikoluż l-aċċess minn fuq ir-radam li hemm meta mill-fergħa l-oħra tal-entrata li ddur max-xellug tal-bini tal-appellant, il-*parte civile* jaċċedi bla xkiel jew periklu u b'aktar kumdità. Fuq din il-fergħa l-oħra tal-entrata l-*parte civile* għandu l-bibien tal-imqawel tiegħu li jidħol minnhom. L-esponent jesebixxi żewġ ritratti oħra mmarkati 'C' u 'D' li juru dawn il-bibien li hemm miftuħin f'din il-fergħa tal-entrata. F'dawn ir-ritratti jidher il-kanċell li l-*parte civile* kien sakkar li kien il-mertu tal-ispoll fil-kawża fuq imsemmija numru 92/2015 deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 2019 fuq imsemmija. Wara kollox kienet il-Qorti tal-Appell li fis-sentenza tagħha msemmija ddeċidiet li meta l-*parte civile* (allura konvenut) sakkar il-kanċell li jidher fir-ritratti 'B' u 'C' u għalaq barra lill-appellant: "*Dak li jirriżulta hu li meta l-konvenut* (b'referenza għall-*parte civile*) *sakkar il-kancell tal-passagg in kwistjoni bil-katnazz, kwalsiasì access mit-triq ghall-ghalqa mill-parti immarkata Y* (b'referenza għal fejn sar l-iskavar mill-appellant) *kien imblukkat u ghalhekk bilfors li <u>l-uniku access</u> ghall-ghalqa kien allura mill-passagg in kwistjoni, kif fil-fatt irrizulta lill-ewwel Qorti. U gialadarba hemm dikjarazzjoni tal-qorti (fil-kawża 36/1998) li tghid li l-ahwa Tabone kellhom il-pussess tal-ghalqa, bilfors li għandu jitqies li kellhom necessarjament ukoll il-pussess <u>tal-uniku passagg</u> li jaghti ghaliha, cioè tal-passagg in kwistjoni*." Fil-fatt il-passaġġ li rreferiet għalih din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju 2019 hi dik il-fergħa tal-entrata li ddur max-xellug tal-bini tal-appellant u jibqa' dieħel 'il ġewwa mill-kanċell li kien sakkar il-*parte civile.*

Għalhekk bl-iskavar li sar bl-ebda mod ma impedixxa l-aċċess tal-attur appellat biex jaċċedi ġo ħwejġu lanqas għal mument wieħed biss billi qabel ma sar ix-xogħol l-aċċess minn dik il-parti tal-entrata perpendikulari mat-triq impedut kien u impedut baqa', l-aċċess minn hemm impossibbli kien u impossibbli baqa' u ma kinitx il-ħofra li ħaffer l-appellant li rrendiet l-aċċess tiegħu minn hemm impossibbli. Mill-fergħa tal-entrata li tikser max-xellug tal-

bini tal-appellant, il-*parte civile* kien jidħol u baqa' jidħol sallum u bil-ħofra ma ġiex impedut l-aċċess tiegħu minn hemm. Eżami tar-ritratti esebiti jikkonfermaw kemm l-ilment tal-*parte civile* li qabel l-iskavar huwa kien jgħaddi bid-dritt m'għandux mis-sewwa billi l-bibien tal-imqawel huma miftuħin fuq l-entrata li ddur max-xellug tal-bini tal-appellant.

**AGGRAVJU II – MENS REA**

Illi dan kollu juri wkoll li l-*mens rea* neċessarju biex jissussisti dan ir-reat kontemplat taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex ippruvat billi l-appellant m'għamilx ħwejjeġ li bihom spolja lill-*parte civile* minn dak il-pussess li trid il-liġi. Mhuwiex biżżejjed sabiex tissussisti r-reità illi tinġieb il-prova tal-att materjali waħdu iżda jinħtieg ukoll il-prova illi l-awtur tar-reat għandu din il-pretensjoni ta' jedd li hija waħda mill-elementi rikjesti għall-eżekuzzjoni tar-reat. L-appellant ma kellu ebda intenzjoni li jippriva lill-*parte civile* minn xi pussess li huwa jipretendi li għandu billi mill-fergħa tal-entrata li tasal sa quddiem il-bieb tal-bini tal-appellant hi imblukkata b'ħajt u wara l-ħajt b'munzell radam. Ma jistax jingħad għalhekk li fejn saret l-iskavazzjoni l-*parte civile* ġie spoljat minn xi ħaġa li kien qiegħed igawdi ċioe' l-aċċess billi l-aċċess minn hemm biex skont hu jidħol fi ħwejġu kien ilu imblukkat u ma ġiex imblukkat bl-iskavazzjoni li saret mill-appellant. Il-*parte civile* kien altrimenti jkollu raġun li kieku ġie maqful barra milli jidħol fl-entrata jew ġie imblukkat l-aċċess mill-fergħa tal-entrata li ddur max-xellug tal-bini tal-appellant li minnha dejjem għadda u għadu jgħaddi l-*parte civile* u oħrajn. Ċertament li dan ma kienx il-movent tal-appellant. Dak li sar kien xogħol provizorju u ma kien intiż li jtellef lil ħadd mill-aċċess għal ħwejġu. Il-Maino, "*E per parità di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire.*" [Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6]. Dan il-ġurista jagħmel referenza għal Carrara u jissenjala li: "*non puo' costituire delitto di ragion fattasi la semplice continuazione di un possesso preesistente …*" L-esponenti jissottometti

umilment li s-sentenza tal-Ewwel Qorti mhix waħda *safe and satisfactory* għaliex il-provi miġjuba fil-konfront tiegħu żgur li ma humiex biżżejjed sabiex jeliminaw id-dubji dettati mir-raġuni u sabiex joħolqu ness bejnu u l-aġir allegatament kriminuż. Il-liġi qiegħda hemm biex tipproteġi każijiet ġenwini u mhux biex għalxejn b'xejn min jagħmel l-ilment ikun hu li jagħmlu biex joħloq ostakli biex jimpedixxi lil ħaddieħor mit-tgawdija ta' ħwejġu.

**AGGRAVJU III – PIENA EROGATA MILL-EWWEL QORTI**

Illi bla preġudizzju għall-aggravji fil-mertu, kemm 'il darba din il-Qorti jkollha tikkonferma s-sejbien ta' ħtija, l-esponenti jissottometti li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hi waħda oneruża tenut kont tal-fedina penali impekkabbli tal-appellant u taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru dan il-każ (i) kemm il-għaliex il-*parte civile* f'ebda waqt ma ġie mfixkel mill-mogħdija biex jaċċedi fi ħwejġu billi l-aċċess baqa' miftuħ u qatt ma ssakkar u l-*parte civile* baqa' jidħol xorta waħda mill-entrata li ddur man-naħa tax-xellug tal-bini tal-esponenti kif kien jagħmel qabel baqa' jagħmel; (ii) l-aċċess minn dik il-parti tal-entrata perpendikulari mat-triq kien u baqa' imblukkat bil-ġebel kemm bil-ħofra kif ukoll mingħajr il-ħofra li saret li minnha jilmenta l-*parte civile;* u (iii) ix-xogħol li sar kien wieħed proviżorju biex jitwasslu s-servizzi tad-dawl u l-ilma fid-dar tal-appellant li ma kienx għax-xkiel li ħoloq il-*parte civile* nnifsu biex kabbar is-sitwazzjoni b'mod sproporzjonat kien ikun lest f'temp ta' jumejn jew tlieta u l-art tingħalaq u l-*gate* kien jitneħħa, il-każ kien jimmerita l-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux il-piena tal-multa inflitta. Il-provi quddiem l-Ewwel Qorti ma ġewx mismugħa minn dik il-Qorti kif preseduta meta ngħatat is-sentenza u ma jistax jingħad li dik il-Qorti kif preseduta kienet fl-aħjar pjazzata biex tiddeċiedi dwar il-piena l-aktar idonea.

**AGGRAVJU IV – APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 377(3) tal-KAP. 9**

Illi l-Ewwel Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9 ordnat li jitneħħa l-allegat inkonvenjent. Għalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ma ndikatx il-paragrafu taħt dan l-imsemmi Artikolu, l-esponenti fehem li dak li ordnat l-Ewwel Qorti sar taħt is-sub-artikolu (3) u mhux (5) billi l-prosekuzzjoni ma ppreżentat ebda rikors kif isemmi fis-sub-artikolu (5).

Illi l-ordni taħt is-subartikolu (3) tal-Artikolu 377 hi waħda fakoltativa. Is-subartikolu (3) juża l-kelma "tistà". Fid-dawl tal-fatt li dwar l-istess każ hemm il-kawża ta' spoll li għadha *sub judice* li f'każ ta' eżitu favorevoli għall-*parte civile* fil-kawża ċivili, il-Qorti tordna r-reintegrazzjoni tal-allegat pussess disturbat xorta waħda billi r-reintegranda hi karatteristika inerenti f'kawża ta' spoll privileġġjat. Għalkemm l-azzjoni kriminali hija separata u distinta minn dik ċivili u li t-tnejn jitmexxew indipendentement minn xulxin, iż-żewġ azzjonijiet huma ta' ordni pubbliku u għalhekk l-iskop taħt l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 ikun intlaħaq xorta waħda kemm-il darba dan l-appell ikollu ma jintlaqax fil-mertu u tiġi konfermata s-sentenza dwar is-sejbien ta' ħtija. Għalhekk billi għall-istess finalità għad jista' jkun hemm deċiżjonijiet konfliġġenti rigward l-ordni mogħtija mill-Ewwel Qorti taħt l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9, l-esponenti jissottometti li tali ordni ma kellhiex u m'għandhiex tiġi applikata fil-konfront tal-appellant billi għalkemm l-azzjonijiet huma distinti waħda mill-oħra, l-ordni f'din il-kawża biex l-imputat jordom il-ħofra għandha wkoll effetti ċivili u tista' tippreġudikalu d-drittijiet ċivili tiegħu ventilati fil-kawża ta' spoll li għadha *sub judice*.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Ġunju, 2023.

Semgħet it-trattazjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Tabone, jirrigwardja l-elementi tar-reat ta' *ragion fattasi* u li dawn ma jissussistux kollha fil-każ odjern. Illi hija tal-fehma ta' din il-Qorti li qabel ma tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju u l-aggravji l-oħrajn, l-ewwel trid tibda billi tagħmel referenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellanti tiġi mixlija quddiem l-Ewwel Qorti.

**PS 664 Jason Xerri**[1] xehed permezz ta' affidavit fejn qal li nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju 2019, għall-ħabta tas-sitta u kwart ta' filgħaxija (18:15hrs), mar l-Għassa tar-Rabat, Għawdex Raymond Tabone (KI 9963G), u rrapporta illi nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2019, fi sqaq li jinsab fi Triq il-Mitħna, Qala, ra żewġ *excavators* żgħar jagħmlu xi xogħol fih. Ix-xhud qal illi Raymond Tabone stqarr li dawn ix-xogħlijiet kienu qed isiru minn ċertu Michael minn Għajnsielem, u li dawn kienu qed iqattgħu l-isqaq kollu. Tabone qallu illi hu għandu x'jaqsam ma' dan l-isqaq, u n-naħa tiegħu ma kienx ġie infurmat bix-xogħol illi kien qed isir, għalhekk kien mar hu stess jagħmel rapport il-MEPA peress illi ma kellux x'jaqsam max-xogħlijiet illi kienu qed isiru u ma riedx inkwiet mal-Awtoritajiet. Is-Surġent spjega illi Tabone kien qallu illi nħarġet *enforcement notice* mill-uffiċjali tal-MEPA Jonathan Portelli u Louise Cremona. Huwa spjega illi l-Pulizija kienet irċeviet kwerela mingħand l-Avukat ta' Raymond Tabone, u ċioe' mingħand Dr Georgine Grech, datata 24 ta' Lulju 2019, sabiex il-Pulizija tmexxi bil-Qorti kontra Laurence Tabone (KI 40558G). Laurence Tabone kien ġie infurmat bil-kwerela.

**Dr Jean Paul Grech**[2] xehed nhar is-17 ta' Novembru 2022, fejn qal li oriġinarjament kienet ġiet nominata Dr Claire Caruana biex tisma' l-provi, iżda wara li din tal-aħħar itterminat l-inkarigu, kien daħal hu fejn prattikament il-provi kienu magħluqa u sakemm dam involut hu, kull ma ġewipprezentati n-noti ta'sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tal-parte ċivile u min-naħa tad-difiża kienet għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda nota. Hu esebixxa l-inkartament kollu tax-xhieda u n-noti ta' sottomissjonijiet li kienu ġew mogħtija lilu. Dan id-dokument ġie mmarkat bħala Dok JPG1.

[1] Fol. 5 tal-proċess.
[2] Fol. 67 et seq. tal-proċess.

F'Dok JPG1 wieħed jista' jsib ix-xhieda tal-kwerelant **Raymond Tabone**[3] fejn xehed illi huwa għandu xi kmamar fi Triq il-Mitħna ġia Triq Biċċieri, Qala, Għawdex, illi partijiet minnhom jintużaw bħala stores, għar sotterran, u xi għelieqi li jifformaw parti mill-post ta' 37, Triq Wied is-Simar. Huwa spjega illi l-entrata li tagħti għal dawn l-ambjenti u li tagħti għal Triq il-Mitħna hija tiegħu, u ilha li ġiet akkwistata mill-antenati tiegħu sa mill-1925. Kopja ta' kuntratt tal-akkwist tal-għar u d-drittijiet kollha fuq il-passaġġ ġiet esebita minnu u mmarkata bħala Dok RT1. Ix-xhud qal illi kien hemm entrata waħda fi Triq il-Mitħna, imbagħad inqasmet fi tnejn, waħda bi dritt u waħda fuq ix-xellug. Minn hemm kien jgħaddi liberament kif irid. Il-wiċċ tal-art kien torba u blat, kienet wita, u ma kinitx miżmuma fi stat tajjeb. Kien jista' jibqa' dieħel għad-dritt, inkella tikser fuq ix-xellug, fejn kien imur għall-għar, u l-kmamar li kien juża bħala stores. Hu spjega illi hu kien jidħol bil-karretta jew barwetta skont il-bżonn, u li ma kien hemm l-ebda gate; iżda kien iżomm xi oġġetti f'dawn il-kmamar, bħal xorok tal-kostruzzjoni, u hemm xi għelieqi fuq wara illi kien jikkultivahom ukoll. Tabone stqarr illi huwa jgħaddi għal dawn l-għelieqi billi jgħaddi għal ġol-isqaq, li kien semma bħala entrata, u jikser fuq ix-xellug, inkella jista' jibqa' sejjer bi dritt u jiġi ġol-għelieqi illi dwarhom hemm il-kwistjoni ma' Laurence Tabone. Ix-xhud qal illi din l-entrata ilu jużaha minn meta kien għadu żgħir, għaliex iz-zijiet tiegħu kellhom in-nagħaġ hemm, u kien jidħol xi tliet jew erba' darbiet fil-ġimgħa.

Raymond Tabone spjega illi nhar it-13 ta' Lulju 2019, illi kellu amment illi kien is-Sibt, Laurence Tabone għamel ħofra kbira wisgħa tal-isqaq kollu u fonda mhux ħażin, fiha kważi sular. Issa x-xhud qal illi ma jistax jibqa' dieħel għad-dritt, u biex jidħol għax-xellug hemm xi tliet filati għoli. Dan ix-xhud sar jafu għaliex infurmah xi ħadd, u mar filgħaxija u sab it-tħaffir għaddej. Ix-xhud esebixxa tliet ritratti immarkati Dok RT2, RT3 u RT4. Huwa spjega illi Dok RT2 ħadu fit-13 ta' Lulju stess filgħaxija, u l-oħrajn kellu l-impressjoni illi ħadhom it-Tnejn ta' wara, filgħaxija, għaliex ma kienx fadal inġenji, jiġifieri kienu laħqu marru tal-MEPA. Dok RT2 juri żewġ inġenji tal-iskavar u l-gate imwaħħla, liema gate ma kinitx hemm qabel, kien waħħalha Laurence, u x-xhud kien raha s-Sibt stess. Dok RT3 juri kif tħalliet l-entrata wara li telqu tal-MEPA, u

[3] Fol. 387 et seq. tal-proċess.

tidher ħofra kbira, jiġifieri diffiċli illi wieħed jgħaddi bi dritt. Ix-xhud immarka bi vleġġa fuq ix-xellug, il-post fejn qabel kien jibqa' dieħel, iżda issa, minħabba illi hemm ħofra, hemm xi tliet filati sabiex jitla' għax-xellug. L-entrata tax-xellug kien fiha forsi erba' piedi, stqarr ix-xhud, iżda issa forsi fadal tlieta jew tnejn li huma clear, pero' hemm trab jiżloq u perikoluż, għaliex jekk wieħed jiżloq, jiġi ġol-ħofra. Ix-xhud qal illi x'ħin ra dan kollu s-Sibt, huwa ċempel lill-MEPA, u ġie gwidat sabiex ikellemhom it-Tnejn ta' wara jekk ix-xogħol jibqa' għaddej. It-Tnejn ix-xogħol tkompla, għaliex jidher minn Dok RT2 u RT3 illi kompliet titħaffer il-ħofra. Tabone spjega illi l-gate li huwa qal illi tpoġġiet minn Laurence Tabone hija dik illi tidher f'Dok RT2, li fiha s-signs tal-kostruzzjoni u turi illi hemm periklu. Meta marru tal-MEPA, ix-xhud ma kienx preżenti, iżda tal-MEPA qalulu illi kienu sabu lil Laurence jagħmel ix-xogħol, qalulu biex jieqaf, u waqaf immedjatament. Ix-xhud qal illi Laurence kien għamel xi żewġ ġebliet fuq xulxin fejn hemm il-vleġġa f'Dok RT3, taparsi taraġ, forsi xi ġimgħa jew ħmistax wara, u s-sitwazzjoni kienet għadha bil-gate u l-ħofra, jiġifieri kien impossibbli illi wieħed jgħaddi mingħajr periklu.

Raymond Tabone sostna illi fiż-żmien meta saret il-ħofra kien hemm kwistjoni fuq il-passaġġ, jiġifieri li Laurence daħħal terzi persuni biex jiftħu kawża kontra x-xhud fuq gate fl-għalqa illi tasal għaliha mill-passaġġ tax-xellug, liema gate kien kissirha Laurence, u l-Qorti ordnat illi terġa' titwaħħal. Il-gate kienet twaħħlet kif kienet, u x-xhud kien għamel katnazz. Reġgħu fetħu kawża kontra x-xhud fuq il-katnazz u kienu rebħuha, jiġifieri x-xhud kellu jneħħi l-katnazz. Dakinhar illi ngħatat is-sentenza, Laurence kien daħal u għamel il-ħofra biex jimblokka l-entratura. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kienx qed jagħraf lil Laurence Tabone, il-kwerelant qal illi kien qiegħed jagħrfu bħala l-imputat. Huwa spjega illi kien għamel żewġ rapporti: l-ewwel kien għamel rapport għall-fini ta' records u tal-MEPA, iżda meta sar jaf kif inhi l-proċedura, kien għamel kwerela biex jittieħdu passi. Ix-xhud qal illi s-Surgent kien qallu illi Laurence kien daħal fil-proprjeta' tiegħu u ħaffer ħofra. Ix-xhud kien jaf illi kien Laurence li ħaffer il-ħofra kemm għaliex kien ilu mqabbad miegħu fuq dawn l-għelieqi, kif ukoll għaliex kienu kkonfermawlu tal-MEPA illi kien hu illi kien għamel dawn l-affarijiet. Ix-xhud temm ix-xhieda tiegħu billi kkonferma illi l-akwati illi tkellem dwarhom kienu magħrufa bħala 'Tat-Tawru' fi Triq il-Mitħna, Qala.

Aktar tard fil-proċeduri, il-kwerelant ippreżenta kopja ta' ittra uffiċċjali mmarkata bħala Dokument RT, kopja ta' ċertifikat tat-titolu mmarkata Dokument RT5, u affidavit tiegħu stess bid-dokumenti annessi mmarkat Dokument RT6. Ix-xhud spjega illi l-affidavit u d-dokumenti annessi kienu ġew preżentati waqt kawża ċivili.

Mistoqsi in kontro-eżami għal-liema art qiegħed jirreferi ċ-ċertifikat tat-titolu, il-kwerelant qal illi maċ-ċertifikat hemm pjanta annessa. Kopja ta' Dokument RTS bi pjanta annessa ġiet preżentata fi stadju ulterjuri, u mmarkata Dokument RT8. Mistoqsi jekk meta huwa pproċeda sabiex jirreġistra dak li kien wiret mingħand iz-zija kienx ħalla l-passaġġ barra, il-kwerelant qal illi fil-preżent ma jafx hux imdaħħal mal-art kif reġistrata jew le. Huwa spjega illi l-imputat kien prova jirreġistra l-passaġġ, u l-karta li ppreżenta hu kienet ir-ruling tar-Reġistru tal-Artijiet fuq dan il-passaġġ. Ġie suġġerit lill-kwerelant illi r-Reġistru tal-Artijiet ma tat l-ebda ruling, iżda illi hu kien għamel kawzjoni fis-sena 1998 u ħalliha pendenti. Il-kwerelant qal illi dan mhux veru, u li dak illi kien qiegħed jiġi suġġerit lilu ma kienx minnu. Mistoqsi x'pussess kellu tal-parti illi ġiet skavata minn Laurence Tabone, Raymond Tabone qal illi hu għandu dritt jgħaddi minn hemm għall-għalqa tiegħu. Huwa spjega illi eżatt mal-għalqa huwa tiegħu, u hemmhekk għandu l-permess għall-bieb prinċipali. Il-ħofra l-imputat kien ħaffirha quddiem il-bieb prinċipali, dakinhar stess illi kellha tinqata' s-sentenza fuq xatba illi għandha x'taqsam mal-passaġġ. Mistoqsi fuq ir-roqgħa illi kien irreġistra, u jiġifieri l-parti li hi proprjeta' tiegħu wara l-ħajt tas-sejjieħ, il-kwerelant qal illi hemm kawzjoni u hemm kawża, u mistoqsi jekk kienx hemm xi ruling, qal illi dik l-għalqa għandu permess biex jibni, u fejn saret il-ħofra għandu jiġi l-bieb prinċipali. Mistoqsi jekk hemmx xi permess ieħor illi jgħajjat lil Laurence Tabone fuq l-istess biċċa art, il-kwerelant wieġeb fl-affermattiv, u qal illi wara li applika hu, kien applika wkoll Laurence Tabone għal permess fuq l-istess art. Muri sentenza rigward spoll illi ngħatat fit-tnax (12) ta' Lulju 2019 (liema sentenza ġiet esebita bħala Dokument RT7), lill-kwerelant saritlu referenza għal folio 31, u għal biċċa art immarkata b'ċirku blu. Il-kwerelant qal illi l-permess qiegħed fuq il-biċċa kollha mmarkata bl-iskur, u mhux fejn hemm iċ-ċirku l-blu biss. Mistoqsi jekk l-iskavar sarx minn Laurence Tabone fil-parti mmarkata bl-ittra "Y" fuq l-istess pjanta, ix-xhud qal

illi Laurence Tabone l-ħofra għamilha iżjed 'il barra minn hemm, imma mill-kantuniera ta' barra, 'il ġew mill-bini tiegħu. Mistoqsi jekk jaqbilx illi r-ritratt esebit a fol 32 tas-sentenza kien esebih hu, il-kwerelant qal illi jista' jkun iżda ma setax jikkonferma b'mod definittiv. Ġie kwotat lix-xhud il-paragrafu 23 tas-sentenza, a fol 32, u l-kwerelant qal illi l-passaġġ ma kienx imblokkat, u li wieħed seta' jibqa' għaddej dritt 'il ġew. Mistoqsi jekk jaqbilx illi huwa għandu passaġġ fuq in-naħa tax-xellug tal-għalqa tiegħu, il-kwerelant qal illi dan il-passaġġ jagħti għal għelieqi oħrajn illi jmissu ma' dik l-għalqa, liema għalqa hija l-ewwel waħda illi tilħaq mit-triq. Il-kwerelant spjega illi għalkemm l-għelieqi l-oħra huma tiegħu, hu kien jippretendi li jkollu aċċess dirett bi dritt għall-għalqa tiegħu. Huwa qal illi meta rreġistra l-proprjeta' li kien wiret m'għand zitu kien irreġistra r-raba bħala territorju wieħed, għaliex kienu jmissu ma' xulxin. Mistoqsi jekk hux minnu illi kien irreġistra art ikbar mill-art illi hija indikata fil-kuntratti ta' Maria Tabone, il-kwerelant qal illi dan mhux minnu. Huwa spjega ill kien hemm żball fil-kejl illi sar fis-sena 1965 meta kienet xtrat mingħand Bartolo u l-kejl kien inkiteb erba' kejliet flok tliet siegħan. Huwa kkonferma illi fil-kawża li ġiet deċiza nhar it-tnax (12) ta' Lulju 2019, il-Qorti kienet ordnatlu sabiex jiftaħ il-kanċell illi kien għamel fil-passaġġ fuq ix-xellug, u qal illi dan għamlu għaliex kienu jidħlulu terzi fil-proprjeta' tiegħu. Mistoqsi kif jidħol Laurence Tabone għal ġol-għalqa wara l-ħajt tas-sejjieħ, il-kwerelant qal illi Laurence Tabone m'għandux titolu fuq din l-għalqa, pero' hemm kawża pendenti fiċ-ċivil rigward titolu. Sakemm tinqata' l-kawża, Laurence Tabone għandu dritt jgħaddi bi dritt bħalma għandu l-kwerelant, imma ħaffer biex jgħaddi minn ġol-passaġġ tax-xellug minn ġol-għalqa tal-kwerelant. Raymond Tabone kkonferma illi l-kawża rigward pussess tar-raba kienet inqatgħet filli ngħataw pussess konġunt hu u l-imputat. Il-kawża pendenti hi kawża dwar titolu.

Fi stadju ulterjuri, il-kwerelant ippreżenta numru ta' dokumenti mmarkati Dokument PA1 sa PA10. Skont nota ppreżentata mill-kwerelant, dawn id-dokumenti jindikaw is-segwenti:

- Dokumenti PA1 sa PA7 huma dokumenti preżentati mill-imputat Laurence Tabone fl-atti ta' applikazzjonijiet sottomessi minnu stess u li fihom l-isqaq in kwistjoni ġie indikat bħala passaġġ;

- Dokumenti PA8 sa PA10 huma dokumenti preżentati mill-kwerelant fl-atti ta' applikazzjoni sottomessa minnu u li minnhom jirriżulta li l-post fejn saret il-ħofra mill-imputat tikkonsisti f'entratura għall-fond tal-kwerelant.

Il-kontro-eżami tal-kwerelant kompla u fejn, mistoqsi jekk jaqbilx li l-proprjeta' illi huwa jippretendi illi dan l-isqaq jifforma parti minnha ġejja mill-wirt taz-zijiet Marija u Carmela Tabone, il-kwerelant qal illi r-raba li hemm u d-dar ta' Triq Simar kollha ġejja minn taz-zijiet tiegħu. Mistoqsi jekk id-dritt ta' proprjeta' illi għandu fuq din ir-raba humiex ġejjin mill-wirt taz-zija jew akkwist ieħor, il-kwerelant spjega illi l-entrata ġejja mill-wirt taz-zija, u kkonferma illi z-zija Carmela kienet mietet l-ewwel, imbagħad mietet Marija fis-sena 1997 u kien wiret liz-zija Marija. Muri dokument illi ġie esebit u mmarkat bħala Dokument LTX, u mistoqsi jekk dan id-dokument jinkludix il-proprjeta' kollha illi wiret mingħand Marija Tabone, il-kwerelant qal illi dan iċ-certifikat juri l-proprjeta' illi huwa kien irreġistra mill-wirt ta' Marija Tabone. Mistoqsi meta kien skopra illi z-zija kellha aktar proprjeta' hemmhekk, il-kwerelant qal illi z-zija għandha ħafna aktar proprjeta' fil-kuntratt milli hemm reġistrata. Mistoqsi mbagħad jekk hemmx xi raġuni għalfejn fis-sena 1997 huwa ma kien irreġistra l-ebda dritt ta' mogħdija minn fuq l-isqaq in kwistjoni, il-kwerelant qal illi dakinhar ir-reġistrazzjoni saret fuq id-denunzja, u fuq dak illi kien jaf bih dak iż-żmien, imbagħad maż-żmien kien skopra illi kien hemm aktar, fosthom l-isqaq. Mistoqsi jekk jaqbilx illi fis-sena 1998 kien fetaħ kawża kontra Laurence Tabone għaliex irreġistra mandra illi tmiss mal-proprjeta' in kwistjoni, il-kwerelant spjega illi l-problema kienet illi zitu kienet għamlet testment u li Laurence Tabone kien għadu ma jridx jaċċetta t-testment tiegħu. Meta mietet iz-zija, Laurence ġab testment taz-zija, sab li ma ħallitlux wirt, u mar irreġistra l-art taz-zija. Mistoqsi jekk jaqbilx illi Laurence Tabone rreġistra l-entrata fl-2003, u ċioe' sitt snin wara li mietet iz-zija, il-kwerelant qal illi dan kien għamlu sitt snin wara, b'ebda kuntratt ta' akkwist tal-entrata. Il-kwerelant ġie mistoqsi wkoll jekk l-entrata illi huwa qed jgħid illi hi fil-pussess tiegħu

tikkonfinax ma' proprjeta' ta' Laurence Tabone mit-Tramuntana u Nofsinhar, u ċioe' tinsab fin-nofs. Din il-proprjeta' ġiet immarkata bl-ittri A u B fuq il-pjanta annessa ma' Dok LTX, u l-kwerelant ġie mistoqsi jekk jafx illi dawn iż-żewġ proprjetajiet huma ta' Laurence Tabone u li l-entrata in kwistjoni hija dik immarkata bl-ittra C. Il-kwerelant ikkonferma illi l-proprjetajiet ta' Laurence Tabone huma dawk immarkati bl-ittri A u B, u li C tiġi bejn iż-żewġ proprjetajiet ta' Laurence Tabone; iżda ma qabilx illi C hija proprjeta' ta' Laurence Tabone. Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-kawzjoni hu kien għamilha fis-sena 2012, u ċioe' 9 snin wara li rreġistraha Laurence Tabone, il-kwerelant wieġeb illi hu ma kienx jiftakar meta għamilha. Muri l-pjanta annessa ma' Dokument RT8, u b'referenza għas-sena u n-numru ta' reġistrazzjoni, il-kwerelant qabel illi d-dokument jitkellem minnu nnifsu u li din id-data hija korretta. Mistoqsi jekk qattx irreġistra xi dritt ta' mogħdija jew servitu', il-kwerelant wieġeb fin-negattiv, u qal illi meta akkwista l-għar fis-sena 1998, hu kien akkwista wkoll drittijiet kollha, iżda ma rreġistrahx.

Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-mogħdija illi jippretendi li għandu minn din l-entrata tikser fid-direzzjoni tat-Tramuntana mbagħad tikser għall-Punent, il-kwerelant qal hu kien dejjem jidħol għad-dritt u jidħol għall-ġenb, u mmarka fuq Dokument LTX b'linja miksura l-mogħdijiet li minnhom dejjem għadda bl-ittri X u Y. Ġie esebit Dokument LTXI, li hu ritratt meħud mill-ajru, u ġie suġġerit lill-kwerelant illi x-xogħlijiet Laurence Tabone għamilhom fil-parti mmarkata bil-kulur aħmar, filwaqt illi d-dritt ta' mogħdija illi l-kwerelant qed jippretendi li għandu huwa dak immarkat bil-kulur isfar. Il-kwerelant qal illi hu ma jaqbilx, u sostna illi x-xogħol beda minn fejn huwa mmarkat bl-ittra Z fuq l-istess ritratt. Huwa spjega illi l-ħofra qiegħda aktar 'il barra mill-kantuniera illi mmarka b'ċirku bil-biro blu fuq l-istess ritratt. Muri Dokument LTX2, illi juri ritratt tal-entrata meħud mit-triq, il-kwerelant qal illi huwa kien jibqa' dieħel minn din l-entratura, għaliex l-unika aċċess għar-raba mmarkat bl-ittra A huwa minn din l-entratura. Il-kwerelant spjega illi Laurence Tabone kien diga' għamel tentattiv ieħor sabiex jimblokka dan il-passaġġ billi poġġa xi ġebel. Muri Dokument LTX3, il-kwerelant ikkonferma illi hu kien jgħaddi minn din l-entratura. Muri Dokument LTX4, il-kwerelant qal illi hu kien jitla' minn fejn hemm iz-zkuk, liema zkuk kien poġġihom Laurence Tabone, u li qabel tpoġġew iz-zkuk kien livell baxx.

Muri Dokument RT7, b'referenza għal paġna 23 tas-sentenza, fejn il-Qorti tal-Appell kienet scanjat ritratt GS2, il-kwerelant ġie mistoqsi jekk dan ir-ritratt kienx esebih hu, u hu wieġeb illi ma jiftakarx jekk kienx esebih hu, imma jista' jkun illi dan kien minnu. Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-Qorti nnotat fis-sentenza illi dan l-aċċess huwa imblokkat, il-kwerelant qal illi qabel tħaffret il-ħofra ma kellux problema biex jgħaddi minn hemm, iżda li llum ma jistax jgħaddi minn hemm għax hemm il-ħofra. Mistoqsi jekk il-pretensjoni tiegħu illi jgħaddi mill-partijiet immarkati f'Dokument LTX bl-ittri X u Y hix bir-riġel jew bl-inġenji, il-kwerelant qal illi b'karozza ma jidħolx, iżda bil-Yamaha daħal mill-entratura X. Mill-Y ġie li kien daħal billi jħalli l-Yamaha fuq barra.

Il-kwerelant ġie mbagħad muri Dokument LTX5, illi hija ittra uffiċċjali responsiva għall-ittra uffiċċjali illi kien bagħat hu, u ġie suġġerit lilu illi din l-ittra uffiċċjali ġiet preżentata u notifikata qabel saret din il-kawża. Il-kwerelant qal illi hu ma setax jiftakar meta rċeviha, u mistoqsi għalfejn għamel il-kwerela meta kien jaf li Laurence Tabone ma qaflux barra iżda li kienet ħaġa temporanja, il-kwerelant qal illi l-kwerela għamilha mhux biss għax kien hemm il-kanċell, iżda għaliex kien bemm il-ħofra wkoll. Il-kwerelant spjega illi l-kwerela għamilha għaliex qabel kien jgħaddi minn hemm, u issa ma setax jgħaddi minn hemm. Hu ppretenda illi jkompli jgħaddi minn hemm bħalma dejjem għamel. Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-għada mar jirrapporta lil Laurence Tabone mal-Awtorita' tal-Ippjanar, u li għalhekk Laurence kellu jieqaf bix-xogħlijiet tiegħu, il-kwerelant qal illi l-intenzjoni ta' Laurence dejjem kienet illi jagħlaqlu l-aċċess, u fil-fatt lanqas qatt m'applika għall-permess. Mistoqsi jekk fl-ittra uffiċċjali illi ppreċediet Dok LTX5 il-kwerelant kienx għamel referenza biss għall-kanċell, il-kwerelant wieġeb illi ma kienx f'pożizzjoni illi jikkonferma dan.

Mistoqsi jekk kienx hemm ħtieġa illi huwa jgħaddi bil-mutur f'dik il-ġimgħa illi fiha għamel il-kwerela, peress illi x-xogħol kien temporanju, il-kwerelant qal illi hu qatt ma qal illi kellu bżonn jgħaddi bil-mutur dik il-ġimgħa partikolari. Madanakollu, huwa ma setax jgħaddi għax kien hemm il-ħofra, filwaqt illi mill-entratura kien hemm tarġa u lanqas seta' jidħol. Għalkemm teknikament seta' jidħol, kien hemm il-periklu, u kien hemm tabella illi waħħal Laurence Tabone stess illi kienet turi illi kien hemm

il-periklu għaliex kienu qed isiru xogħlijiet, liema tabella tidher f'Dokument LTX6, il-kwerelant sostna illi l-ħofra saret minn Laurence Tabone biex hu ma jkunx jista' jidħol.

Muri Dokument LTX7, ġie suġġerit lill-kwerelant illi l-ħofra illi tiġi fuq in-naħa tal-lemin tar-ritratt, immarkata X, hija l-mandra u l-proprjeta' ta' Lawrence Tabone, u l-kwerelant wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk kienx jgħaddi minn dan il-passaġġ illi huwa magħluq b'xatba, jidħol bi dritt u jgħaddi għar-raba fejn hemm iz-zkuk, ix-xhud qal illi kien jidħol minn fejn hemm ix-xatba, kien hemm rampa bir-ramel, hemm filata jew filata u nofs ġebel tas-sejjieħ, u kien jitla' minn hemm. Qabel ħaffer Laurence, kienu marru Laurence u ieħor miegħu, qatgħu ħarruba, u tefgħu z-zkuk fil-post fejn jidher fir-ritratt. Il-kwerelant reġa' ġie muri ritratt Dokument LTX4, u ġie suġġerit lilu illi l-ħajt tas-sejjieħ huwa ogħla minn filata jew filata u nofs. Il-kwerelant qal illi l-parti mmarkata bl-ittra B hija ta' żewġ filati, u fuq in-naħa l-oħra l-għoli huwa inqas. Muri Dokument LTX3, il-kwerelant qal illi dan il-ħajt kien imtarraġ.

Finalment, muri Dokument LTX8, u mistoqsi jekk jaqbilx illi dan huwa l-passaġġ illi qiegħed fin-naha tat-Tramuntana (immarkat bl-ittra X fuq Dokument LTX), il-kwerelant ikkonferma illi jaqbel, u illi kien jgħaddi bil-Yamaha minn hawn. Mistoqsi jekk jistax jidħol bir-riġel minn hemmhekk, il-kwerelant qal illi hu ma daħalx minn hemm għax hemm tliet filati biex titla' għaliex il-passaġġ ġie mħaffer 'l isfel. Proviżorjament kienu tpoġġew tliet ġebliet fuq xulxin.

**<u>L-Enforcement Officer Louise Cremona</u>**[4] xehdet illi nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju 2019 fejn qalet li daħal rapport dwar ongoing *excavation works* fi sqaq fi Triq il-Mitħna, Qala, u, bħalma jagħmlu kull meta jidħol rapport, marru fuq il-post dak il-ħin stess. Hemmhekk sabu lil Laurence Tabone jagħmel xi xogħol ta' skavar ġo sqaq. Peress illi kull tip ta' żvilupp jirrikjedi permess, huma waqqfu x-xogħlijiet u ssuġġerew li Tabone jkellem lill-perit tiegħu. Ix-xhud ippreżentat kopja tal-*complaint* u tliet ritratti, immarkati bħala Dok LC1 sa LC4. Hija stqarret illi Tabone kien qalilhom illi kien

[4] Fol. 95 et seq. tal-proċess.

qiegħed iħaffer trinka għad-dawl. Mistoqsiha tispjega kif wieħed jista' jaċċessa l-isqaq, ix-xhud qalet illi hemm żewġ modi: wieħed min-naħa ta' Triq il-Mitħna li jiġi minn ħdejn Wileġ Restaurant, u l-ieħor min-naħa ta' Triq Wied is-Simar. Ix-xhud spjegat illi meta marru huma, l-isqaq kien miftuħ u kien hemm bobcat. Il-parti skavata kienet fonda, u kienet twassal min-naħa s'oħra tal-isqaq, iżda huma ma kejlux il-fond.

Mistoqsiha in kontro-eżami jekk tafx il-post ta' min kien, ix-xhud qalet illi f'dan il-każ kien jikkonċernaha biss ix-xogħol ta' skavar, u ma kienx jinteressaha ta' min hu l-post għaliex ma kienx qiegħed isir xogħol fuq il-post. Ix-xogħol kien qiegħed isir fl-isqaq. Ix-xhud ikkonfermat illi hija ma staqsietx kif ser isir ix-xogħol jew minn fejn kien ser jgħaddi d-dawl. Hija qalet illi fuq binja minnhom darba kien sar compliance, iżda ma kinitx f'pożizzjoni illi tgħid jekk il-compliance kienx sar minn Laurence Tabone jew le. Ix-xhud spjegat illi l-compliance kienet ilha li ħarġitu, u ma kinitx taf fuq min kien l-isem. Dak il-ħin, iżda, ħadd ma mar jgħidilha li dik proprjeta' tiegħu, u hi lanqas staqsiet. Ix-xhud ikkonfermat illi l-ħofra saret ġo l-isqaq quddiem il-bini, kif jixhdu r-ritratti. Mistoqsija jekk Laurence Tabone kienx semma illi ser jgħaddi s-servizzi, ix-xhud reġgħet tenniet illi hu kien qalilha li kien ser jgħaddi d-dawl, u li hi ma staqsietx jekk kienx hemm medda diġa'għaddejja jew le, għaliex huma ma kinux jidħlu fiha. Mistoqsiha jekk l-Awtorita' tidholx fi kwistjoni fejn ikun hemm trinka illi jkollha titħaffer taħt l-art, ix-xhud qalet illi mill-kantuniera 'l barra ma sarx tħaffir, għaliex sar biss clearing tat-top soil, u għalhekk ma kienx ser ikollu bżonn applikazzjoni, pero' minn hemm 'il barra sar xogħol ta' skavar. Ix-xhud kjarifikat illi huma ħadu passi fuq l-iskavar illi sar 'il ġewwa, fejn niżel fil-fond.

Mistoqsija in kontro-eżami fi stadju ulterjuri tal-proċeduri odjerni jekk x'ħin marru fuq il-post qagħdux jaraw jekk kienx hemm aċċess aktar 'il ġewwa, ix-xhud qalet illi din il-kwistjoni ma daħlux fiha. Huma ma pruvawx jgħaddu, u l-ħajt tas-sejjieħ lanqas biss ikkalkolawh waqt l-ispezzjoni, għaliex huma fuq l-iskavar tat-toqba marru, mhux fuq affarijiet oħra. Ix-xhud qalet illi l-ħajt ratu, imma lil'hinn minn hemm ma kinitx taf x'hemm; biss biss kien hemm il-ħofra u ma kinitx ser tipprova tgħaddi minn fuq il-periklu. Ix-xhud stqarret illi li kieku r-rapport kien daħal fuq il-parti 'l ġewwa mill-ħajt kienet tmur ġewwa, imma r-rapport daħal biss fuq il-ħofra, u għalhekk marru biss

fuq l-iskavar. Mistoqsija jekk taqbilx illi l-binja ta' Laurence Tabone tiġi kantuniera bejn mogħdija biex tgħaddi aktar 'il ġewwa u l-ħofra, ix-xhud qalet illi ma tafx. Dak li kienet taf hu li darba kien inħareġ compliance f'isem Laurence Tabone, imma ma kienet taf xejn aktar. Ix-xhud qalet illi kienu marru fuq din il-ħofra xi sena u nofs qabel tat ix-xhieda tagħha, u li kienet qed tagħmel referenza għar-ritratti li ħadu dakinhar. Hija spjegat illi minn dakinhar qatt ma reġgħet marret, u li kienu aġixxew fuq rapport wieħed. Muriha compliance certificate esebit mill-imputat u mmarkat Dokument LT1, ix-xhud ikkonfermat illi dan kien compliance certificate illi kienet ħarġet hi stess dwar il-binja illi quddiemha saret il-ħofra.

**<u>L-Enforcement Officer Jonathan Portelli</u>**[5] xehed ukoll illi saret spezzjoni waqt li kien on-call wara l-ħinijiet tax-xogħol fil-ħmistax (15) ta' Lulju 2019. Huwa spjega illi meta waslu fuq is-sit sabu illi kien sar xi xogħol ta' skavar, u ltaqghu mal-persuna illi kien hemm fuq is-sit, jiġifieri ċertu Lorry Tabone illi x-xhud indika bħala l-imputat. Ix-xhud qal illi Tabone kkonferma illi hu kien sid il-post meta staqsewh jekk kienx hu l-persuna responsabbli għax-xogħlijiet, u li meta staqsewh jekk kellux xi forma ta' permess, qalilhom li ma kellux. Portelli spjega illi huma waqqfu x-xogħlijiet għaliex suppost kellu jkollu permess għal dan ix-xoghol. Nel frattemp, Tabone tkellem mal-Perit tiegħu u eventwalment daħlet xi forma ta' applikazzjoni. Portelli stqarr illi huwa kien is-second officer f'dan il-każ, u li bażikament ix-xogħol li kien qiegħed isir kien jikkonsisti f'toqba fi sqaq, min-naħa s'oħra tal-passaġġ. Meta staqsew lil Tabone x'kien qiegħed jagħmel, dan qalilhom illi kien ser jagħmel xi ħaġa illi kellha x'taqsam mad-drenaġġ. Ix-xhud qal illi kien hemm bobcat, u ħadu r-ritratti u kellmu lis-sid, iżda ma setgħux jibqgħu deħlin sa ġewwa. Ix-xhud ma kienx ċert jekk l-isqaq kienx miftuħ jew jekk kienx hemm xi xatba fil-bidu tiegħu, u lanqas seta' jikkonferma kemm kienet fonda l-ħofra bl-eżatt; madanakollu seta' jikkonferma illi bniedem kien jinżel fiha b'diffikulta', għaliex kienet fonda. Ix-xhud ikkonferma illi d-Dokumenti LCI sa LC4 huma l-enforcement complaint u ritratti li ttieħdu dakinhar illi marru fuq is-sit.

[5] Fol. 96 et seq. tal-proċess.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx jaf min għamel ir-rapport, ix-xhud qal illi meta jidħol rapport waqt li jkun on-call, ikun jaf min irrapporta għaliex joħdulu d-dettalji, iżda minħabba data protection ma jkunx jista' jagħti dawn id-dettalji. Mistoqsi jekk Raymond Tabone għamilx xi darba kuntatt miegħu, ix-xhud qal illi dan mhux minnu, u li hu lanqas hu enforcement officer fuq il-Qala, għaliex l-enforcement officer inkarigat mill-Qala hija Louise Cremona. Dakinhar illi aċċedew fuq il-post in kwistjoni, huwa kien sempliċiment akkumpanja lil Louise Cremona. Mistoqsi jekk kienx hemm xi xkiel biex jidħlu fuq il-post, ix-xhud qal illi meta waslu, baqgħu barra, għaliex kien hemm bobcat qiegħda tħaffer, u kienet f'nofs il-passaġġ. Ġie suġġerit lix-xhud illi l-entrata kienet imblukkata b'ħajt tas-sejjieh illi kien ilu hemmhekk, u li ma seta' jgħaddi ħadd minħabba l-ħajt. Ix-xhud ikkonferma dan, u rrefera għar-ritratti illi kienu ġew preżentati minn Louise Cremona. Ġie suġġerit lilu illi l-ħofra kienet 'il ġew aktar mill-kisra tal-passaġġ illi jagħti għal aktar 'il ġewwa, iżda x-xhud qal illi ma setax jgħid bl-amment, għaliex kien nesa fejn kienet il-ħofra bl-eżatt. Li seta' jikkonferma, iżda, kienet illi l-ħofra kienet fil-passaġġ. Mistoqsi jekk il-mogħdija biex wieħed jidħol aktar 'il ġewwa kienx jaf fejn hi, ix-xhud qal illi lanqas biss kien jaf biha, ghaliex huma baqgħu barra. Mir-ritratt ma setax jgħid kif qiegħda l-mogħdija illi tikser 'il ġewwa, għaliex huma ħadu biss in kunsiderazzjoni l-passaġġ 'il quddiem, mhux lejn il-ġenb. Ix-xhud spjega illi huma ma ħadux in kunsiderazzjoni t-toqba fejn kienet pożizzjonata, għaliex baqgħu fuq ir-rapport illi kienet qed issir ħofra. Huwa sostna illi 'l quddiem, il-passaġġ kien ostakolat b'ħajt tas-sejjieħ, iżda mogħdija fuq il-ġenb ma jafx kienx hemm għaliex ma daħlux fiha. Ix-xhud ikkonferma illi huwa ma jafx hemmx xi rampa illi tagħti aċċess minn fuq il-ħajt.

**L-appellant Laurence Tabone**[6] xehed fejn qal illi fejn saret il-ħofra, l-entratura tappartjeni lilu u lil ħadd aktar. L-appellant quddiem l-Ewwel Qorti esebixxa bħala Dokument A iċ-ċertifikat tat-titolu, u qal illi huwa minnu illi tlieta u għoxrin (23) sena ilu, il-kwerelant kien għamel kawzjoni, iżda minn dakinhar 'il quddiem ma kien għamel xejn aktar wara l-kawzjoni. B'referenza għal Dokument LTX, l-appellant spjega illi t-territorju illi ppreżenta reġistrazzjoni tiegħu l-kwerelant, il-kwerelant

[6] Fol. 98 et seq. tal-proċess.

jaċċedi għalih minn Triq Wied Simar u Triq Biċċieri. Huwa spjega illi l-kwerelant għandu maqjel fejn hu kien qiegħed jimmarka bl-ittra 'Z', li jaċċedi għalih mill-isqaq ta' Triq Biċċieri, kif tidħol iddur fuq ix-xellug u tibqa' dieħel fl- isqaq 'il ġewwa. Muri r-ritratt immarkat bħala Dokument LTX1, l-imputat spjega illi l-mogħdija tal-kwerelant hija dik immarkata bl-isfar fir-ritratt, u li fejn immarka bl-ittra X jaċċedi għall-għalqa ta' terzi Cauchi. L-imputat immarka bi vleġġa l-post minn fejn il-kwerelant jgħaddi għall-maqjel tiegħu, u spjega illi hu u ħutu għandhom dritt jgħaddu wkoll għall-għalqa tagħhom illi ġiet immarkata bl-ittra A. Muri r-ritratt immarkat bħala Dokument LTX3, li jiġi maġenb il-bieb tal-post tiegħu, l-appellant innota illi jekk il-kwerelant irid jgħaddi minn hemm, irid jixtri helikopter, għaliex il-bqija ma jistax jitla'. Huwa spjega illi kien hemm tiġrif t'għorfa illi ilha li waqgħet mill-aħħar tas-snin 1930/1940, u kien ilu blukkat xi tmenin sena l-passaġġ. La qatt kien għadda minnu hu, u lanqas kienu għaddew minnu z-zijiet tiegħu. L-imputat ippreżenta ritratt immarkat bħala Dokument B illi juri l-istess entratura illi tidher f'Dokument LTX3 iżda meħud fi żmien differenti. F'dan ir-ritratt jidher xi terrapien illi kien poġġa l-appellant stess f'xi 1995 biex għamel kostruzzjoni fil-kmamar li għandu. Il-post li jidher fuq ix-xellug tal-entratura fir-ritratt Dok B huwa d-dar tiegħu, u l-imputat identifika wkoll il-post tiegħu f'Dok LTX1 bl-ittri A, B, C, D u E. L-appellant spjega illi dak illi huwa immarkat bil-kulur aħmar hija dik il-parti illi fir-ritratt Dok B tiġi eżatt tmiss mal-ħajt tas-sejjieħ.

L-appellant sostna illi l-ħofra għamilha fi proprjeta' tiegħu, u xejn aktar, u li l-ħofra kien għamilha fuq parir li tawh biex idaħħal is-servizz tad-dawl minn hemmhekk. Fil-fatt kien għamel service room hemmhekk, u meta tkellem ma' tal-Enemalta, kienu ssuġġerewlu illi jwaħħlu arblu fil-bidu tal-isqaq illi jidher fejn hemm immarkat bl-ittra Z fuq Dokument LTX1. Huwa spjega illi minn hemmhekk kienu qalulu illi ssir culvert u jidħlu s-servizzi minn hemmhekk, xogħol illi kien se jieħu biss minn ġurnata sa tnejn li kieku ma ġiex imwaqqaf. Mistoqsi jekk imblokkax b'xi mod l-aċċess tal-kwerelant għall-imqawel tiegħu bil-ħofra li għamel, l- imputat wieġeb fin-negattiv, u qal illi kull ma kien għamel kien illi ħaffer il-ħofra sat-tarf tal-post tiegħu stess. Mistoqsi jekk il-mogħdija mmarkata bl-isfar f'Dok LTXI tippermettix illi wieħed jgħaddi bir-riġel u bil-mutur, l-imputat qal illi fejn hemm il-kanċell imwaħħal illi jissemma fis-sentenza

tal-ispoll, il-passaġġ huwa wiesgħa minn erba' sa ħames pulzieri, u li kull ma kien għamel hu kien illi waħħal xatba fil-bidu tal-isqaq illi hija marbuta b'biċċa ħabel illi l-kwerelant jista' jiftaħha x'ħin irid. L-imputat qal illi hu kien informa lil Raymond Tabone u lill-familja Cauchi li setgħu jaċċedu minnu x'ħin iridu, u li x-xatba kien għamilha sabiex ma jkunx hemm periklu. B'referenza għal Dokument LTX5, l-imputat qal illi hu kien bagħat din l-ittra illi fiha informa lil Raymond Tabone illi ma kienx ostakola l-aċċess tiegħu, li x-xatba ma tissakkarx, u li seta' jużaha x'ħin irid.

Mistoqsi għalfejn ix-xogħol ma tkompliex, l-imputat qal illi waqt li kien qed jagħmel ix-xogħlijiet, Raymond Tabone kien għamel rapport mal-MEPA, u tal-MEPA waqqfuh milli jkompli bix-xogħlijiet tiegħu. L-appellant spjega illi llum ħareġ il-permess u li llum jista' jkompli bix-xogħlijiet. Kopja tal-permess ġiet esebita bħala Dokument C. Mistoqsi jekk kienx hemm xi kawżi oħra bejnu u bejn il-kwerelant, b'referenza għal Dokument RT7, l-appellant qal illi fuq struzzjonijiet tal-Qorti hu kien imġiegħel iwaħħal xatba, u hu waħħalha. Kif waħħal din ix-xatba, xi ġurnata jew jumejn wara, Raymond Tabone kien qafilha b'katnazz, u poġġa wkoll il-cameras fuqha. B'referenza għal Dokument LTX1, l-appellant qal illi x-xatba qiegħda fil-post immarkat bl-ittra F u vleġġa, u li din ix-xatba tat lok għall-kawża illi s-sentenza tagħha ġiet esebita bħala Dokument RT7. Ix-xatba ġiet murija aħjar fir-ritratt esebit u mmarkat Dokument D. B'referenza għal Dokument LTX, l-imputat indika bl-ittra Z1 fuq il-pjanta x-xatba illi tidher fid-Dokument D. L-apellant stqarr illi Raymond Tabone ddikjara dritt ta' passaġġ illi minnu għandhom jgħaddu l-familja Cauchi mar-reġistrazzjoni illi għamel mal-Lands. B'referenza għas-sentenza mmarkata bħala Dokument RT7, fejn ġie ordnat illi jerġa' jinfetaħ il-kanċell illi ġie msakkar, l-appellant qal illi hemm ritratt illi esebieh Raymond Tabone stess, u l-Qorti, fis-sentenza tagħha, iddikjarat illi l-passaġġ qiegħed fuq in-naħa tax-xellug, u li għalhekk irid jiftaħ dik ix-xatba, għaliex il-passaġġ l-ieħor huwa imblukkat bil-ġebel.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk jaqbilx illi minn fejn waħħal ix-xatba 'l ġew Raymond Tabone kienx jgħaddi, l-appellant qal illi jaqbel, u li qatt ma ċaħħdu mid-dritt illi jgħaddi għall-imqajjel illi għandu (u mhux għall-għalqa illi fuqha applika għall-permess illi hi mdawra b'ħajt ta' sitt jew seba' filati tas-sejjieħ). Mistoqsi jekk ħaffirx

il-ħofra illi tinsab kif tidħol mix-xatba 'l ġew, l-imputat wieġeb illi mix-xatba sal-ħofra illi għamel hu hemm, bejn wieħed u ieħor, xi għaxar piedi passaġġ, u hemmhekk mhux ostakolat, jista' jgħaddi liberament. Muri Dokument LC3, l-imputat ikkonferma illi dik hija l-ħofra, u mistoqsi jekk jinnegax illi biex jgħaddi għall-passaġġ Raymond Tabone jrid jgħaddi minn fuq it-tħaffir, l-imputat qal illi hemmhekk m'hemmx tħaffir, iżda wita tat-triq, forsi mesaħ ftit trab bil-gaffa hu u dieħel. Mistoqsi jekk ġewx kreati diżlivelli, l-imputat qal illi hemm żewġ tarġiet imma jista' jidħol liberament. L-imputat spjega illi lil Raymond Tabone kienu bagħtulu ittra illi fiha avżawh illi se jibdew ix-xogħlijiet, xi ġimgħa jew ħmistax qabel bdew ix-xogħlijiet. Huwa kkonferma illi Raymond Tabone qed jgħid illi ma rċeviex avviż, iżda l-appellant sostna illi hu kitiblu ittra, illi tagħha ma kellux kopja fuqu. Mistoqsi jekk ħax passi fuq l-ownership tal-passaġġ wara li Raymond għamel il-kawzjoni, l-appellant qal illi hu ma kellux għalfejn jieħu passi, u, mistoqsi jekk jafx illi għandu dritt jagħmel kawża, qal illi hu rreġistra l-passaġġ muri Dokument LTX4, l-imputat ikkonferma illi l-ħajt illi ma jistax jgħaddi minnu Raymond Tabone huwa dak immarkat bi vleġġa, u, muri Dokument B, ikkonferma wkoll illi minn dan il-ħajt ma jistax jgħaddi Raymond Tabone, għaliex fiżikament huwa impossibbli illi wieħed jgħaddi. L-appellant innega illi wieħed jista' jgħaddi faċilment minn hemm, kif ġie suġġerit lilu, u qal illi ma jistax ikun. Mitlub jispjega għalfejn kellu bżonn jagħmel ħofra minn naħa s'oħra biex jgħaddi s-servizzi, l-imputat qal illi ma jimpurtahx, għaliex hu għamilha fi proprjeta' tiegħu. L-appellant qabel illi x-xatba illi dwarha kien hemm il-kawża ta' spoll qiegħda aktar 'il ġewwa minn fejn għamel il-ħofra. Ġie suġġerit lilu illi meta marru fuq il-post fuq aċċess tal-Qorti għaddew minn fejn hemm dan il-ħajt illi huwa impossibli li wieħed jgħaddi fuqu, iżda l-appellant sostna li dakinhar għaddew minn fejn il-mogħdija mmarkata bl-isfar.

Rat il-verbal tal-aċċess datat l-10 ta' Jannar, 2023.[7]

Ikkunsidrat:

[7] Fol. 373 et seq. tal-proċess.

**L-ewwel aggravju** tal-appellant jirrigwardja n-nuqqas ta' prova tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex tiddeskrivi l-elementi ta' ragion fattasi.

L-offiża tar-ragion fattasi dderivat fil-liġi tagħna mill-Artikolu 168 tal-Kodiċi Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiża ġiet klassifikata mill-leġislatur tagħna bħala waħda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u Amministrazzjonijiet oħra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tiegħu fuq il-Liġi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offiżi kontra l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja bħala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-ġurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu[8] jiddefinixxi l-offiża tar-ragion fattasi bħala s-segwenti:

> *'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imħallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawża **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[9] din l-offiża ġiet deskritta bis-segwenti mod:

[8] Volum V fil-Parti Speċjali.
[9] Appell Kriminali numru: 232/2002 deċiż nhar it-30 ta' Lulju 2004.

*'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.*** *Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)*

Minn hawn joħroġ biċ-ċar li l-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali fl-eżami tal-imputazzjoni taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huma mgħobbija bl-eżami jekk il-privat u f'dan il-każ l-appellant użax l-awtorita' tiegħu nnifsu flok ma rrikorra għand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-ġurista Francesco **Carrara** fil-ktieb tiegħu fuq kwotat jelenka erba' (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab ħati għar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

*1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
*4. Mancanza di titolo piu grave.*

Dawn l-erba' elementi ġew adottati fil-Qrati tagħna fosthom fil-kawżi **<u>Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et</u>**,[10] **<u>Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia</u>**[11] u **<u>Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo</u>**[12] li huma s-segwenti:

'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruħu r-reat ta' ragion fattasi huma:-

> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*[13]

**<u>Att estern li jispolja lil xi ħaddieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew preżunta, ta' dan il-ħaddieħor</u>**

Fil-każ odjern irriżulta li l-appellant għamel xogħolijiet ta' tħaffir ġewwa entratura. Huwa kkontestat min hu s-sid ta' din l-entratura, madankollu huwa fatt li l-parte ċivile kien jagħmel użu minnha. Jirriżulta wkoll illi l-appellant kien għamel xatba iżda din ma kinitx imsakkra u l-parte ċivile xorta waħda seta' jiftaħha meta jrid. Kieku l-appellant għamel biss din ix-xatba u ħalla l-aċċess totalment liberu kif kien qabel, ai fini biss tar-reat ta' ragion fattasi, din il-Qorti ma kinitx issibu ħati. Madankollu, kif diġa' ġie ritenut l-appellant għamel ukoll xogħolijiet ta' skavar. Għaldaqstant, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-aċċess tal-entrata għal fuq ix-xellug. L-

---

[10] Deċiża nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[11] Deċiża nhar l-14 ta' Diċembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[12] Deċiża nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell
[13] Ara wkoll **<u>Il-Pulizija vs Anthony Zahra</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **<u>Il-Pulizija vs Mario Bezzina</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **<u>Il-Pulizija vs Michael Lungaro</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **<u>Il-Pulizija vs Eileen Said</u>** deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.

Ewwel Qorti nnutat hi stess fl-aċċess illi bix-xogħolijiet li saru nħoloq diżlivell. M'hemmx dubju li l-ħofra in kwistjoni saret mill-istess appellant, kif ammess minnu stess u b'riżultat ta' dan inħoloq periklu kbir. Oltre minn hekk tajjeb li jiġi enfasizzat illi minħabba dawn ix-xogħlijiet, il-parte ċivile ma jistax jidħol bil-mutur kif kien qabel. Huwa minnu li l-aċċess għadu eżistenti min-naħa tax-xellug, madankollu kif rifless fil-ġurisprudenza indikata *supra*, 'jew li wieħed b'mod ieħor kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor' jinkorpora ċirkustanzi li mhumiex ristretti għal xi forma ta' spoll fis-sens tal-liġi ċivili. B'dan li għamel l-appellanti żgur li ppriva lill-kwerelanti milli jkollu aċċess liberu. Għalhekk l-att estern tal-offiża huwa pruvat.

**<u>Il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżercizzju ta' dritt</u>**

Illi hawnhekk irid jiġi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u ċioe' l-intenzjoni li jieħu l-liġi b'idejh u dan biex jeżerċita dritt li jaħseb li għandu. Hekk ingħad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said</u>**:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*
>
> *Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha."*[14]

Fil-każ in deżamina jirriżulta li l-appellant ma kellux dritt li jostakola d-dħul lill-kwerelant u dan għaliex minkejja li kellu l-pussess tal-fond, il-kwerelanti wkoll kellu aċċess liberu għalih. Din il-Qorti ma setgħetx ma tinnutax il-parti tax-xhieda tal-appellant fejn meta ġie mitlub jispjega għalfejn kellu bżonn jagħmel ħofra min-naħa

[14] Deċiż minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Ġunju, 2002.

s'oħra biex jgħaddi s-servizzi, l-appellant qal sfaċċatament li ma jimpurtaħx, għaliex hu għamilha fi proprjeta' tiegħu u dan minkejja li kien jaf li l-parte ċivile kellu wkoll aċċess. Għalhekk dan l-element jirriżulta wkoll ippruvat.

**Il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita` pubblika**

M'hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-kwerelant kellu kull dritt li jidħol f'din l-entratura in kwistjoni u jsostni li l-aċċess kien għadu disponibbli għall-parte ċivile. Madankollu, kif diġa' ġie *ritenut supra,* l-aċċess ġie wieħed perikoluż u oltre minn hekk il-kwerelant ma setax jidħol bil-mutur.

Illi l-Artikolu 85 huwa intiż biex dak li jkun ma jieħux il-liġi b'idejh, u għalhekk l-iskop wara din id-dispożizzjoni – bħad-dispożizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – **huwa li tipproteġi l-istatus quo**.[15] Issa immaterjalment mill-jeddijiet ta' natura ċivili li jgawdu l-appellanti fuq din il-proprjeta', jirriżulta inkonfutabbilment illi l-kwerelant għandu aċċess liberu għal din l-entratura tant illi qabel saru x-xogħlijiet inkwistjoni l-kwerelant kien jidħol liberament, anke bil-mutur tiegħu. Dan ifisser illi l-appellanti unilateralment biddel dan l-istatus quo tal-kwerelant ħesrem u b'mod illeġittimu.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**[16]

Illi minn eżami tax-xhieda mogħtija u tal-elementi preċedenti jirriżulta b'mod inekwivoku li l-offiża ma hi xejn għajr għal dik ta' ragion fattasi.

Għalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-ġudizzju tagħha meta sabet lill-appellanti ħati tal-akkuża kif addebitata fil-konfront tiegħu.

---

[15] Ara **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

[16] Ara fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Diċembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll **Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta),** 1872, p. 123).

Ovvjament huwa suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa biżżejjed xi forma ta' pussess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana**[17] qalet hekk:

> ***'…… kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta' l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv… …***
>
> *Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:*
>
> ***"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.***
>
> ***L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."[18]….***

17

18 Ara **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

*"Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[19]"*

Għaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

Permess **tat-tieni aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li l-*mens rea* neċessarju sabiex jissussisti dan ir-reat kontemplat taħt l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx ippruvat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**[20] ġie ritenut hekk:

*'Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq) u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni ta' l-agent. Hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Il-jedd jew dritt li wiehed jippretendi li ghandu jista' jkun derivat mid-dritt ta' haddiehor. L-impjegat li jaghmel xi haga biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu inkwantu dak id-dritt inghatalu mill-principal tieghu jew jappartjeni lill-principal tieghu u qed jezercitah a non tieghu, jista ukoll jinstab hati taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali taghna.*

---

[19] Ara l-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Mario Bezzina** deċiż nhar is-26 ta' Mejju, 2004.
[20] Appell Kriminali deċiż nhar il-15 ta' Novembru, 1996.

Din il-Qorti hi tal-fehma illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet *safe u satisfactory* għaliex il-provi miġjuba kienu biżżejjed sabiex joħolqu ness bejn l-appellant u l-aġir kriminuż. A skans ta' ħafna repetizzjoni, il-Qorti żżomm bi sħiħ ma' dak li diġa' qalet fl-aggravju preċedenti. L-appellant fir-rikors tiegħu tenna illi l-liġi qegħda hemm sabiex tipproteġi każijiet ġenwini u mhux biex għalxejn b'xejn min jagħmel l-ilment ikun hu li jagħmlu biex joħloq ostakli biex jimpedixxi lil ħaddieħor mit-tgawdija ta' ħwejġu. Mhux l-ewwel darba li każijiet ta' dan it-tip ġew quddiem din il-Qorti u għalkemm f'dawn il-proċeduri toħroġ b'mod sfaċċat l-animożita' bejn l-appellant u l-parti leża u li ilha għaddejja snin, fil-każ odjern kien l-appellant li fixkel lill-parti leża mit-tgawdija tal-entratura u mhux *vice versa.* Għalhekk din il-Qorti qegħda tiċħad ukoll it-tieni aggravju mressaq mill-appellant.

**<u>It-tielet aggravju</u>** mressaq mill-appellant jirrigwardja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola, ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[21] Illi, minn eżami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena erogata kienet waħda legalment u raġonevolment valida u mhux eċċessiva. Il-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta din ġiet biex tikkalibra l-piena. Dan iwassal sabiex anke dan it-tielet aggravju tal-appellanti jkun respint.

**<u>Fir-raba' aggravju</u>** tiegħu l-appellant qiegħed jgħid illi l-Ewwel Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 377 tal-Kap. 9 ordnat li jitneħħa l-allegat inkonvenjent. Fid-deċide, l-Ewwel Qorti ma għamlitx referenza għal xi sub-inċiż tal-Artikolu 377, iżda qalet hekk:

> *'In oltre, ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tordna lil hati sabiex fi zmien sebat (7) ijiem jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex jerga' jhalli din l-art kif kienet qabel ma*

[21] **<u>The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek,</u>** deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

*saru dawn ix-xogholijiet mertu ta' dan ir-rapport that penali ta' ghaxar ewro (€10) kuljum ghal kull gurnata ta' ritard'*

L-appellant qed jgħid illi għalkemm l-azzjoni kriminali hija separata u distinta minn dik ċivili u li t-tnejn jitmexxew indipendentement minn xulxin, iż-żewġ azzjonijiet huma ta' ordni pubbliku u għalhekk l-iskop taħt l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 ikun intlaħaq xorta waħda kemm-il darba dan l-appell ikollu ma jintlaqax fil-mertu u tiġi konfermata s-sentenza dwar is-sejbien ta' ħtija. Għalhekk billi għall-istess finalità għad jista' jkun hemm deċiżjonijiet konfliġġenti rigward l-ordni mogħtija mill-Ewwel Qorti taħt l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9, l-esponenti jissottometti li tali ordni ma kellhiex u m'għandhiex tiġi applikata fil-konfront tal-appellant billi għalkemm l-azzjonijiet huma distinti waħda mill-oħra, l-ordni f'din il-kawża biex l-appellant jordom il-ħofra għandha wkoll effetti ċivili u tista' tippreġudikalu d-drittijiet ċivili tiegħu ventilati fil-kawża tal-ispoll li għadha *sub judice*.

Il-Qorti tagħmel referenza għal żmien fejn il-proċeduri kriminali kienu jibqgħu pendenti, sabiex l-ewwel jistennew id-deċiżjonijiet tal-Qrati Ċivili. Każ ta' dan it-tip kienet il-**Pulizija vs Mario Camilleri**[22] fejn il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali kienet ħalliet is-sentenza *sine die* sakemm tiddeċiedi fuq il-każ tagħha l-Qorti Ċivili. Madankollu, l-Avukat Ġenerali kien appella u l-Qorti tal-Appell iddeċidiet is-segwenti:

> *'F'dan il-każ bir-rispett kollu din il-Qorti ma tifhimx kif il-eżitu tal-kawża ċivili tista' taffettwa l-eżitu ta' din il-kawża għaliex* ***f'din si tratta ta' ragion fattasi li hu kunċett differenti minn dak ta' spoll fid-dritt ċivili.*** *Dana s''intendi ferm u indubitat il-prinċipju notorju li l-azzjoni kriminali hija separata u distinta minn dik ċivili u li t-tnejn jitmexxew indipendentement minn xulxin.'*

[22] Volume LXXI, part V, p 862, 31st July 1987, Court of Criminal Appeal (Inferior), Mr Justice C. A. Agius.

L-intenzjoni tal-leġislatur meta żied is-sub-inċiż 2 fl-Artikolu 85 kien li jirrikonċilja ż-żewġ proċeduri ta' *ragion fattasi* u *action spolii* soġġetti għar-regola ġenerali li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jinżammu indipendentement minn xulxin. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subartikolu l-pożizzjoni li Qrati Kriminali jistgħu jagħtu effett ċivili lis-sentenzi tal-Qrati Kriminali ġiet infurzata. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tilqa' r-raba' aggravju tal-appellant u għalhekk qiegħed jiġi respint ukoll.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard

**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur